

32007D0259

28.4.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 111/69

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tas-16 ta' April 2007****li tipprovdi assistenza makro-finanzjarja Komunitarja lill-Moldova**

(2007/259/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

- (3) Il-Moldova, minn naħa waħda, u l-Komunitajiet Ewropea u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-oħra, iffiraw Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni <sup>(2)</sup>, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1998.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

- (4) Ir-relazzjonijiet bejn il-Moldova u l-Unjoni Ewropea qed jiżviluppaw fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li hija mistennija twassal għal integrazzjoni ekonomika aktar fil-fond. L-UE u l-Moldova qablu dwar Pjan ta' Azzjoni għall-Politika Ewropea tal-Viċinat li jidentifika prijoritajiet għall-perijodu qasir u dak medju fir-relazzjonijiet UE-Moldova u l-linji politiċi relatati.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

- (5) Il-Moldova għandha ħtiġijiet ta' finanzjament sostanzjali li jirriżultaw minn deterjorazzjoni sinifikanti tal-pożizzjoni finanzjarja tagħha,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

- (6) L-awtoritajiet tal-Moldova talbu assistenza finanzjarja fuq bażi konċessiva mill-Komunitajiet, mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u minn donaturi bilaterali oħrajn. Addizzjonalment għall-finanzjament mill-FMI u mill-Bank Dinji, għadha trid tiġi koperta lakuna residwa sostanzjali fil-finanzjament sabiex jittejjeb il-bilanċ ta' pagamenti tal-pajjiż, tissaħħaħ il-pożizzjoni tar-riservi tal-pajjiż, u sabiex ikunu sostnuti l-oġġettivi tal-politika marbutin ma' l-isforzi ta' l-awtoritajiet lejn ir-riforma.

- (1) L-awtoritajiet tal-Moldova huma impenjati lejn l-istabbilizzazzjoni ekonomika u r-riformi strutturali, sostnuti mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) permezz ta' arranġament ta' tliet snin taħt il-Faċilità għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir (FTFT) li ġiet approvata fil-5 ta' Mejju 2006. Fit-12 ta' Mejju 2006, il-kredituri tal-Klabb ta' Pariġi qablu dwar ristrutturazzjoni tad-dejn uffiċjali bilaterali tal-Moldova taħt il-kondizzjonijiet ta' Houston.

- (7) Il-Moldova hija eliġibbli għal self u għotjiet taħt termini ferm favorevoli mill-Bank Dinji u mill-FMI.

- (2) F'Mejju 2004 l-awtoritajiet tal-Moldova adottaw Dokument ta' Strateġija għat-Tkabbir Ekonomiku u għat-Tnaqqis tal-Faqar, li jstabbilixxi prijoritajiet, għall-perijodu medju, għall-azzjoni governattiva.

- (8) F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja lill-Moldova għandha issir disponibbli fil-forma ta' għotja, bħala miżura adegwata sabiex tassisti lill-Moldova f'dan l-istadju kritiku.

<sup>(1)</sup> Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Frar 2007 (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 181, 24.6.1998, p. 3.

- (9) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effikaċi ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità marbutin ma' din l-assistenza makro-finanzjarja, huwa meħtieġ li jiġu previsti miżuri adegwati mill-Moldova relatati mal-prevenzjoni ta', u mal-ġlieda kontra, il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra li jolqtu din l-assistenza. Huwa meħtieġ ukoll li jsir provvediment għal kontrolli mill-Kummissjoni u għal verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.
- (10) Ir-rilaxx ta' l-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' l-awtorità baġitarja.
- (11) L-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja għandha tiġi amministrata mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

#### Artikolu 1

1. Il-Komunità għandha tagħmel disponibbli lill-Moldova assistenza makro-finanzjarja fil-forma ta' għotja sa EUR 45 000 000 bil-ħsieb li ssostni l-bilanċ ta' pagamenti tal-Moldova u ttaffi l-kostriġimenti finanzjarji fuq l-implimentazzjoni tal-programm ekonomiku tal-gvern.
2. L-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja għandha tiġi amministrata mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u b'mod konsistenti mal-ftehim jew mal-patti li jkunu saru bejn il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-Moldova.
3. L-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja għandha ssir disponibbli għal sentejn li jibdeu mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu, jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tista' tiddeċiedi li testendi l-perijodu ta' disponibbiltà b'massimu ta' sena waħda.

#### Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa li tistabbilixxi ma' l-awtoritajiet tal-Moldova, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-politika ekonomika u l-kondizzjonijiet finanzjarji marbutin ma' l-assistenza makro-finanzjarja, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim u Ftehim ta' Għotja. Dawk il-kondizzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-ftehim jew patti msemmija fl-Artikolu 1(2).
2. Matul l-implimentazzjoni ta' l-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-validità ta'

l-arranġamenti finanzjarji, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll, intern u estern, tal-Moldova li huma rilevanti għall-assistenza.

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari, f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u f'koordinazzjoni ma' l-FMI, li l-linji politiki ekonomiċi fil-Moldova jkunu kompatibbli ma' l-oġettivi ta' l-assistenza u li l-kondizzjonijiet tal-politika ekonomika u dawk finanzjarji li sar ftehim dwarhom ikunu qegħdin jiġu rispettati b'mod sodisfaċenti.

#### Artikolu 3

1. L-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Moldova fi tliet pagamenti.
2. L-ewwel pagament għandu jinħareġ abbażi ta' l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm ekonomiku sostnut mill-FMI taħt il-Faċilità għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir u tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Moldova għall-Politika Ewropea tal-Viċinat.
3. It-tieni u t-tielet pagamenti għandhom jinħarġu wkoll abbażi ta' l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm ekonomiku sostnut mill-FMI taħt il-Faċilità għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir u tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Moldova għall-Politika Ewropea tal-Viċinat, u abbażi ta' kwalunkwe miżura oħra miftiehma mal-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2(1), u mhux anqas minn tliet xhur wara r-rilaxx tal-pagament preċedenti.
4. Il-fondi għandhom jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tal-Moldova. Ir-riċevitur finali tal-fondi għandu jkun il-Ministeru tal-Finanzi tal-Moldova.

#### Artikolu 4

L-assistenza makro-finanzjarja Komunitarja għandha tiġi implimentata skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(1)</sup> u r-regoli implimentattivi tiegħu. B'mod partikolari, il-Memorandum ta' Ftehim u l-Ftehim ta' Għotja ma' l-awtoritajiet tal-Moldova għandu jipprovdi għal miżuri adegwati mill-Moldova relatati mal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-frodi, il-korruzzjoni u irregolaritajiet oħrajn li jolqtu l-assistenza. Dawn għandhom jipprovdu wkoll għal kontrolli mill-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċju Ewropew Kontra l-Frodi, bid-dritt li jsiru kontrolli u ispezzjonijiet fuq il-post, u li jsiru verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri, fejn ikun il-każ, fuq il-post.

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

*Artikolu 5*

Sal-31 ta' Awissu ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jinkludi evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena preċedenti. Ir-rapport għandu jindika l-konnessjoni bejn il-kondizzjonijiet tal-linja politika stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-prestazzjoni kurrenti, ekonomika u fiskali, tal-Moldova u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti ta' l-assistenza.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' April 2007.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
H. SEEHOFER

---